31990L0488

2.10.1990 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 270/25

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**tas-17 ta' Settembru, 1990**

**li temenda d-Direttiva 87/404/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' reċipjenti sempliċi ta' pressjoni**

(90/488/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ([2])

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi d-Direttiva 87/404/KEE ([4]) tipprovdi għall-armonizzazzjoni kompleta ta' l-i*standards* għal reċipjenti sempliċi ta' pressjoni manifatturati f'sensiela;

Billi fl-assenza ta' standards armonizzati d-Direttiva 87/404/KEE titlob eżami tat-tip KE fuq ir-reċipjenti fil-kwistjoni; billi dawk l-i*standards* mhux se jkunu disponibbli sad-data ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva;

Billi d-Direttiva 87/404/KEE ma pprovditx għal perjodu ta' transizzjoni li matulu jkun permess li jitqiegħdu fis-suq ħażniet ta' reċipjenti manifatturati bi qbil ma' regoli nazzjonali li jkunu għadhom applikabbli qabel tidħol fis-seħħ dik id-Direttiva;

Billi l-manifatturi għandhom ikollhom iż-żmien meħtieġ biex japplikaw il-proċedura ta' eżami tat-tip KE u huwa meħtieġ li jkun iffissat perjodu ta' transizzjoni li jippermetti biex ir-reċipjenti maħżuna jitqiegħdu fis-suq,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiżdied permezz ta' dan ma' l-Artikolu 18 (1) tad-Direttiva 87/404/KEE:

"L-Istati Membri, għall-perjodu sa l-1 ta' Lulju, 1992, jippermettu t-tqegħid fis-suq u/jew f'servizz ta' reċipjenti li jikkonformaw mar-regoli fis-seħħ fit-territorji tagħhom qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Lulju1991. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, is-17 ta' Settembru, 1990.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ROMITA

([1]) ĠU Nru Ċ 13, 19.1.1990, p. 7.
([2]) ĠU Nru Ċ 149, 18.6.1990, p.145 u Deċiżjoni tat-12 ta' Settembru, 1990 (li għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU Nru Ċ 168, 10.7.1990, p. 2.
([4]) ĠU Nru L 220, 8.8.1987, p. 48.